



12.7.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-politiki soċjali u tal-impjiegi taż-żona tal-euro
(2018/2034(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Nikolaos Chountis

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota bi tħassib id-diskrepanzi soċjoekonomiċi persistenti fiż-żona tal-euro; jemmen li l-aċċess ugwali għal edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità kif ukoll għal opportunitajiet ta' taġlim tul il-ħajja għal kulħadd huma prekondizzjoni għal konverġenza soċjoekonomika; jirrimarka, f'dan ir-rigward, id-differenzi persistenti fost l-Istati Membri u l-gruppi soċjali fir-rigward tal-indikaturi ewlenin tal-edukazzjoni tal-UE;
2. Jinsab imħasseb ħafna li, fl-UE19, kien hemm tnaqqis sena wara sena fir-rata medja ta' nefqa governattiva ġenerali għall-edukazzjoni bħala perċentwal tal-PDG mill-2009 sal-2016; jiddispjaċih li s-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ ntlaqat ħażin ħafna mill-politiki ta' awsterità u jisħaq li sistemi edukattivi pubbliċi b'riżorsi tajbin huma essenzjali għall-ugwaljanza u għall-inklużjoni soċjali; jappella, għalhekk, għal bidla fil-prijoritajiet ta' politika makroekonomika taż-żona tal-euro lejn żieda fin-nefqa pubblika għall-edukazzjoni u t-taħriġ, bħala investimenti b'effett multiplikatur b'saħħtu; jistieden lill-Kummissjoni biex fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tintroduċi indikatur dwar l-infiq (partikolarment l-infiq pubbliku) fil-qasam tal-edukazzjoni bħala sehem tal-PDG (jew għal kull student), bil-għan li timmonitorja l-prestazzjoni tal-Istati Membri;
3. Jisħaq li l-iżvantaġġ soċjali spiss hu indikatur ta' riżultati edukattivi negattivi u viċi versa; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-punt li, fl-ekonomiji bbażati fuq l-għarfien li kulma jmur dejjem jinbidlu, l-impjegabilità, anki fost l-istudenti li mill-bqija għandhom ħiliet tekniċi kumparabbli, spiss tiddependi b'mod mhux negliġibbli fuq ħiliet "aktar personali" (il-komunikazzjoni, il-ħsieb kritiku, il-kooperazzjoni, l-innovazzjoni kreattiva, il-fiduċja u "t-taġlim dwar kif titgħallem"), li jmorru lil hinn mill-qari u l-litteriżmu matematiku u xjentifiku; jinsisti li sistema edukattiva u ta' taġlim tul il-ħajja ffinanzjata b'mod xieraq u ta' kwalità li tippromwovi b'mod ġenwin id-dritt għall-istudju, b'politiki ta' appoġġ u sostenn, inkluża sistema effikaċi ta' boroż ta' studju, tista' tgħin biex jitkisser dan iċ-ċirku vizzjuż u biex jiġu promossi l-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs;
4. Jisħaq fuq il-fatt li, minkejja t-titjib tal-ekonomija fiż-żona tal-euro u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda, il-qgħad fost iż-żgħażaġh f'xi Stati Membri għadu inaċċettabbilment għoli u, filwaqt li r-rati ta' qgħad fost iż-żgħażaġh naqsu sa mill-2013 'il hawn, dawn ivarjaw ħafna bejn Stat Membru u ieħor;
5. Jinnota bi tħassib kbir in-numru li baqa' għoli ta' ċittadini Ewropej b'ħiliet baxxi ta' litteriżmu jew b'diffikultajiet ta' litteriżmu, inklużi l-illitteriżmu funzjonali u dak medjatiku, li jwassal għal tħassib serju għal dak li jikkonċerna l-parteciċipazzjoni sinifikanti u effikaċi fil-ħajja pubblika u fis-suq tax-xogħol;
6. Iħeġġeġ il-promozzjoni ta' politiki, bħall-introduzzjoni ta' sistemi edukattivi doppji; jisħaq fuq il-punt li rabta effikaċi bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-suq

¹ Data tal-Eurostat.

tax-xogħol tista' toffri kontribut deċiżiv għall-ħolqien tal-impjiegi;

7. Jisħaq li ambjent ta' tagħlim sikur u adegwat huwa essenzjali għall-benessri tal-istudenti u tal-għalliema; jappella, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri jagħmlu investimenti b'saħħithom fil-manutenzjoni tal-faċilitajiet pubbliċi, partikolarment l-iskejjel, u jeliminaw l-ostakli arkitettoniċi;
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw miżuri speċifiċi fi ħdan il-politiki għall-impjiegi, edukattivi u soċjali bil-għan li jiżguraw l-inklużjoni effettiva tal-persuni b'diżabilità u minn sfondi żvantaġġati;
9. Jirrimarka l-ħtieġa li jiġu ppjanati u promossi programmi ta' gwida vokazzjonali organizzati u aġġornati fl-iskejjel, partikolarment fil-kampanja, fir-reġjuni mal-fruntieri u fir-reġjuni muntanjużi u insulari;
10. Jappoġġja l-mobilità tal-istudenti, tal-ħaddiema, tal-atleti u tal-artisti fl-UE u fiż-żona tal-euro; jinsab imħasseb madankollu li d-differenzi sostanzjali fil-kundizzjonijiet ta' għajxien u ta' ħidma fiż-żona tal-euro qegħdin jiskattaw migrazzjoni involontarja li qed tkompli tkabbar l-effetti tal-hekk imsejjaħ eżodu ta' mħuħ; jirrimarka li prerekwiżit ewlieni biex jiġi indirizzat il-fenomeni tal-eżodu ta' mħuħ huwa l-ħolqien ta' impjiegi deċenti, kif wkoll il-promozzjoni ta' strateġiji ta' edukazzjoni, taħriġ u gwida għall-karriera effettivi; jappella għal politiki edukattivi u tal-impjiegi futuri li jindirizzaw b'effikaċja dan il-fenomeni, inkluż permezz tal-iżvilupp sħiħ taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li tinħoloq Kard Ewropea tal-Istudenti u tiġi promossa l-mobilità fit-tagħlim u l-iffaċilitar tar-rikonossiment reċiproku taċ-ċertifikati, id-diplomi u l-kwalifiki professjonali, filwaqt li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u l-ispejjeż għall-istudenti u għall-istituti edukattivi u ta' taħriġ;
11. Jisħaq fuq il-punt li, skont il-parametri referenzjarji tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ET 2020), sal-2020, inqas minn 15 % taż-żgħażaġh ta' 15-il sena għandhom ikunu inqas imħarrġin fil-qari, il-matematika u x-xjenza; jilqa' l-inklużjoni tal-parametri referenzjarji dwar "il-prestazzjoni baxxa fl-edukazzjoni" għaż-żgħażaġh ta' 15-il sena (riżultati għal livell batut fil-matematika mill-istharrġ tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA)) fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali l-għdida; jistieden lill-Kummissjoni, madankollu, tinkludi wkoll il-prestazzjoni baxxa fil-qari u/jew fil-litteriżmu xjentifiku;
12. Ifakkar li, skont il-parametri referenzjarji tal-ET 2020, sal-2020, minn tal-inqas 95 % tat-tfal (mill-età ta' 4 snin sal-età obbligatorja għall-iskola) għandhom jipparteċipaw fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal; jisħaq fuq il-punt li l-qasam tal-"kura bikrija tat-tfal" fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali jinkludi indikatur wieħed biss, għat-tfal ta' taħt l-età ta' tliet snin li jinsabu f'kura formali; jenfasizza li m'għandux informazzjoni dwar il-kopertura ta' tfal akbar fl-età taħt l-età obbligatorja għall-iskola, kif ukoll informazzjoni dwar il-punt safejn għandha tiġi pprovduta l-kura tat-tfal imkejla skont in-numru ta' sigħat ipprovduti;
13. Iqis ir-rwol pożittiv tal-edukazzjoni miftuħa u tal-universitajiet miftuħa fil-proċess tal-ksib tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod partikolari l-programmi ta' taħriġ online għall-impjegati, peress li din hija forma dinamika ta' tagħlim li tissodisfa l-ħtiġijiet attwali u l-interessi tal-parteċipanti;

14. Iqis il-faqar fost it-tfal bħala kwistjoni ewlenija li dwarha l-Ewropa għandha taġixxi fuq skala kbira; jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' Garanzija għat-Tfal fl-Istati Membri kollha, b'tali mod li kull tifel u tifla li bħalissa qegħdin jgħixu fir-riskju ta' faqar ikollhom aċċess mingħajr ħlas għal kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-kura tat-tfal, għal akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adatta; jissottolinja l-importanza tal-kura ta' qabel it-twelid u tal-iżvilupp fil-bidu tat-tfulija; jitlob li jkun hemm sistemi edukattivi inklużivi fil-livelli kollha, inkluż kura wara l-iskola; jissottolinja li l-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal se tirrikjedi finanzjament adegwat fil-livell nazzjonali u fil-livell Ewropew; jitlob, għalhekk, li jiżdied il-finanzjament allokat għaliha, possibbilment permezz tal-Fond Soċjali Ewropew u bi strument ta' konverġenza ġdid għaż-żona tal-euro; jirrikjedi li l-investimenti pubbliċi nazzjonali fil-Garanzija għat-Tfal jiġu kkunsidrati fil-kuntest ta' "regola tal-fidda dwar l-investment soċjali" fl-ambitu tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;
15. Jisħaq fuq il-punt li wieħed mill-oġettivi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ huwa li din tiżgura li ż-żgħażaġh kollha taħt l-età ta' 25 sena jirċievu offerta ta' xogħol ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew taħriġ fi żmien erba' xhur minn meta jitilfu l-impjieg tagħhom jew minn meta jtemmu l-edukazzjoni formali; jitlob, għaldaqstant, l-implimentazzjoni sħiħa tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, b'enfasi fuq offerti ta' kwalità u komunikazzjoni effikaċi man-NEETs kollha¹; jenfasizza li dan jirrikjedi finanzjament adegwat fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss (QFP ta' wara l-2020), inkluża żieda fil-Fond Soċjali Ewropew u estensjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ għal minn tal-inqas EUR 21 biljun; jitlob li l-investimenti pubbliċi nazzjonali fil-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul jingħaddu fi ħdan "regola tal-fidda dwar l-investment soċjali" fl-ambitu tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;
16. Jappoġġja Garanzija għall-Ħiliet bħala dritt ġdid għal kulħadd biex jinkisbu ħiliet fundamentali għas-seklu 21, inkluż il-litteriżmu diġitali; iqis li l-Garanzija għall-Ħiliet għandha tinkludi valutazzjoni individwalizzata tal-ħtiġijiet ta' taġħlim, offerta ta' taġħlim ta' kwalità kif ukoll validazzjoni sistematika tal-ħiliet u tal-kompetenzi miskuba, li tippermetti r-rikonossiment faċli tagħhom fis-suq tax-xogħol; jissottolinja li l-Garanzija għall-Ħiliet hija investment soċjali importanti, li tirrikjedi finanzjament adegwat fil-livell nazzjonali u fil-livell Ewropew; jitlob, għaldaqstant, li jiżdied il-finanzjament allokat għall-Garanzija għall-Ħiliet, possibbilment permezz ta' żieda fil-Fond Soċjali Ewropew u bi strument ta' konverġenza ġdid għaż-żona tal-euro;
17. Itenni l-appell tal-Parlament Ewropew biex il-pakkett tal-Erasmus+ jiżdied b'minn tal-inqas tliet darbiet fil-QFP li jmiss bil-għan li jilħaq lil aktar żgħażaġh, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u studenti tal-iskejjel sekondarji u apprendisti fl-Ewropa kollha; jappella, b'mod partikolari, li tingħata attenzjoni lil persuni li ġejjin minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati bil-għan li dawn jingħataw il-possibilità li jipparteċipaw fil-programm, kif ukoll lil persuni b'diżabilità, f'konformità mal-obbligi tal-UE u tal-Istati Membri taħt il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD);
18. Jitlob li jkun hemm "regola tal-fidda" dwar l-investment soċjali li għandha tiġi applikata fl-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, pereżempju li ċerti

¹ NEETs: Żgħażaġħ li jinsabu barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ.

investimenti soċjali pubbliċi li jkollhom impatt pożittiv ċar fuq it-*tkabbir ekonomiku* (eż. il-Garanzija għat-Tfal, il-Garanzija għaż-*Żgħażaġħ* u l-Garanzija għall-*Ħiliet*) jiġu kkunsidrati bħala eliġibbli għal trattament favorevoli meta jiġu vvalutati d-defiċits u l-konformità tal-gvern mar-regola tad-dejn 1/20; jenfasizza li l-konsolidazzjoni fiskali m'għandhiex iddgħajjef il-kofinanzjament nazzjonali tal-finanzjament Ewropew għall-investment soċjali;

19. Jappella għal finanzjament adegwat taħt il-QFP li jmiss bil-għan li jiġu indirizzati l-*ħtiġijiet* li kulma jmur dejjem jiżdiedu; jitlob, b'mod partikolari:
 - (a) it-ti*sħiħ* tal-*Inizjattiva* favur l-*Impjieġ taż-Żgħażaġħ*, b'minn tal-*inqas* finanzjament ta' EUR 3 biljun fis-sena, disponibbli f'*linja baġitarja* apposta;
 - (b) żieda sostanzjali fil-pakkett ta' finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew;
20. Ifakkar fil-potenzjal strateġiku tas-settur kulturali u kreattiv bħala *ġeneratur tal-impjieġi* u l-*ġid fl-UE*; jisħaq fuq il-punt li l-*industriji kulturali u kreattivi* jikkostitwixxu 11,2 % tal-*intrapriżi privati* kollha u 7,5 % tal-*persuni* kollha impjegati kumplessivament fl-*ekonomija tal-UE* u jiġġeneraw 5,3 % tal-*valur miżjud gross totali Ewropew (GVA)*; jissottolinja r-rwol tal-*industriji kulturali u kreattivi fil-ħarsien u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika Ewropea* u l-*kontribut ta' dawn għat-*tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-impjieġi, speċjalment għall-impjieġ taż-*żgħażaġh***;
21. Jistieden lill-Kummissjoni tisfrutta bis-*sħiħ is-sinerġiji* potenzjali li jeżistu bejn il-*politiki tal-UE*, sabiex il-finanzjament disponibbli taħt il-programmi tal-UE – bħal *Orizzont 2020, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, Erasmus+, l-Impjieġi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), Ewropa Kreattiva u COSME* – u l-Fondi Strutturali u ta' *Investiment Ewropej (Fondi SIE)* jintużaw b'mod effettiv biex jiġu appoġġjati aktar proġetti fil-*qasam tal-industriji kulturali u kreattivi*; jinnota li, b'mod partikolari fil-*każ ta' Ewropa Kreattiva, Orizzont 2020 u l-Fondi Strutturali (FEŻR u FSE)*, ir-rwol u l-*impatt tal-*industriji kulturali u kreattivi fuq it-*tkabbir, l-impjieġi u l-koeżjoni territorjali** għandhom jiġu evalwati b'mod speċifiku u jibqgħu jiġu promossi; jisħaq li dan il-*proċess għandu jipprovdi bażi solida u koerenti għar-reviżjoni tal-QFP u għall-*arkitettura futura tal-*programm tal-UE wara l-2020***;*
22. Jappella għal *reviżjoni ġenwina tal-politiki edukattivi, ta' taħriġ u ta' *ħiliet tal-UE* u tal-*Istati Membri bil-għan* li jiġi miġġieled il-fenomeni tat-tluq bikri mill-iskola u n-numru dejjem akbar ta' NEETs u dan biex jiġu offruti edukazzjoni u taġlim tul il-*ħajja* li jiffavorixxu l-*inklużjoni*; jenfasizza li dawn il-*politiki maħsuba għaż-*żgħażaġh*, li għandhom ukoll jimmiraw għat-*tagħlim tul il-*ħajja, għandhom jippromwovu l-*iżvilupp personali u tas-*soċjetà olistiku u ma għandhomx jiffasslu sempliċement biex tiġi ssodisfata d-*domanda tas-*suq tax-xogħol******;**
23. Jenfasizza li huwa essenzjali li jkun hemm investment u ppjanar adegwat fil-*qasam tal-*edukazzjoni, b'mod partikolari fil-*ħiliet diġitali u l-*programmazzjoni, u dan bil-għan* li tiġi żgurata l-*pożizzjoni kompetittiva tal-Unjoni, id-*disponibilità ta' *ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati u l-*impjegabilità tal-*ħaddiema******;**
24. Jistieden lill-Kummissjoni ttipprovdi *inċentivi u assistenza teknika liż-*żgħażaġh* biex jistabbilixxu n-*negozji tagħhom u ttipponi miżuri għall-*promozzjoni tal-***

intraprenditorija u wkoll permezz tal-kurrikuli tal-iskejjel fl-Istati Membri;

25. Jappella lill-awtoritajiet nazzjonali jħeġġu lill-kumpaniji, anke permezz ta' ħelsien ta' taxxa jew inċentivi għal kontribuzzjonijiet soċjali, biex jinvestu fit-taħriġ tal-impjegati tagħhom u jimpjegaw gradwati ġodda minn skejjel sekondarji u minn universitajiet;
26. Huwa tal-fehma li t-tqabbil aħjar tal-ħiliet u tal-impjiegi, u r-rikonoxximent reċiproku mtejjeb tal-kwalifiki huma meħtieġa biex jiġu indirizzati n-nuqqas ta' ħiliet u d-diskrepanzi fl-Unjoni;
27. Jirrikonoxxi u jikkundanna l-kundizzjonijiet ta' impjieg abbużivi li spiss iħabbtu wiċċhom magħhom l-atleti professjonali, bħall-impjieg indipendenti fittizju, in-nuqqas ta' ħlas tas-salarju u standards inadegwati fejn jidħlu s-saħħa, l-assigurazzjoni u l-pensjoni tal-irtirar, u josserva l-ħtieġa li jitjieb il-qafas regolatorju eżistenti; jistieden lill-Kummissjoni tressaq pjan ta' azzjoni komprensiv għall-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ta' xogħol deċenti għall-atleti professjonali, billi tibda mill-pajjiżi taż-żona tal-euro u tinvolvi s-sħab soċjali rilevanti fis-settur tal-isports.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	11.7.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 2 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Nikolaos Chountis, Silvia Costa, Damian Drăghici, Angel Dzhambazki, Jill Evans, María Teresa Giménez Barbat, Petra Kammerevert, Svetoslav Hristov Malinov, Rupert Matthews, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Michaela Šojdrová, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Julie Ward, Bogdan Brunon Wenta, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Gentile, Sylvie Guillaume, Morten Løkkegaard, Liadh Ní Riada, Algirdas Saudargas
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ivo Vajgl

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

22	+
EFDD	Isabella Adinolfi
GUE/NGL	Nikolaos Chountis, Liadh Ní Riada
PPE	Andrea Bocskor, Svetoslav Hristov Malinov, Algirdas Saudargas, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Bogdan Brunon Wenta, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver
S&D	Silvia Costa, Damian Drągłhici, Elena Gentile, Sylvie Guillaume, Petra Kammerevert, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Julie Ward
Verts/ALE	Jill Evans, Helga Trüpel

2	-
ECR	Angel Dzhambazki, Rupert Matthews

4	0
ALDE	María Teresa Giménez Barbat, Morten Løkkegaard, Ivo Vajgl
ENF	Dominique Bilde